# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 4 ta' Settembru 2020**

Appell numru 101 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Thomas CAMILLERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Thomas CAMILLERI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 570788M fejn ġie mixli:

   Talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' bejn Dicembru 2019 u April, 2020 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

   1) nhar it-22 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-00:10hrs u 00:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu

t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Aaron Attard minn H'Attard u/jew persuni oħra;

2) nhar it-23 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-04:45hrs u 05:15 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€60) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Manuel Falzon mill-Mqabba u/jew persuni oħra;

3) nhar it-23 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-00:10hrs u 00:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Joseph Falzon mill-Mosta u/jew persuni oħra;

4) nhar it-28 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-20:20hrs u 20:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ivica Mandic mill-Msida u/jew persuni oħra;

5) nhar it-2 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-02:00hrs u 02:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€93) b'qerq mhux imsemmi fl-

artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Christopher Dimech minn Birkirkara u/jew persuni oħra;

6) nhar id-9 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-12:30hrs u 12:45 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€160) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Dean James Gatt minn Ta' Xbiex u/jew persuni oħra;

7) nhar il-25 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-02:30hrs u 03:00 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€50) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ismael Seisun minn Bormla u/jew persuni oħra;

8) nhar it-12 ta' Marzu 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-00:30hrs u 00:45 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€35) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Andrea Bonfiglio mill-Gzira u/jew persuni oħra;

9) nhar l-1 t'April 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn is-02:15hrs u 02:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€70) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Jamal Mansour Mohammed Alnajar minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni oħra;

10) nhar it-12 t'April 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn il-16:00 hrs u 17:00 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu

t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€200) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ryan Muscat minn Birkirkara u/jew persuni oħra;

11) nhar il-21 t'April 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn 11:12 hrs u 11:36 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€50) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Murad Saleh Khalifa Miftah mill-Pieta' u/jew persuni oħra;

12) nhar it-22 t'April 2020, f'xi hin matul il-perjodu bejn 20:00 hrs u 20:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginariji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Raymond Borg minn Haz-Zebbug Malta u/jew persuni oħra;

13) Illi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Simone Grech LLD fid-digriet tal- 2-ta' Settembru 2019 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 250 euro u garanzija perosnali ta' 3000Euro;

14) U finalment talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

15) Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 20 ta' Settembru 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Thomas CAMILLERI kif ukoll tordna li s-somma ta' €3,250 bhala garanzija personali li giet imposta fuqu sabiex jagmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 579, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni, ħdax, tnax, tlettax u erbatax il-imputazzjoni stante li dawn ma kienux jirriżultaw u illiberatu minnhom filwaqt li sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tielet, raba', ħames, sitt, seba', tminn, disa' u għaxar imputazzjoni u ai termini tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali kif kompriż u involut fl-artikolu 308 tal-istess Kodiċi u kkundannatu għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija effettiva.

3. Illi minn din is-sentenza Thomas CAMILLERI interpona appell fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni, ħdax, tnax, tlettax u erbatax il-imputazzjoni stante li dawn ma kienux jirriżultaw u illiberatu; tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tielet, raba', ħames, sitt, seba', tminn, disa' u għaxar imputazzjoni u ai termini tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali kif kompriż u involut fl-artikolu 308 tal-istess Kodiċi u kkundannatu għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija effettiva, billi tilliberah min kull imputazzjoni, ħtija u piena; u f'kull każ u sussidjarjament tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta billi minflok tinfliġġi piena aktar idoneja skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan wara li saħaq is-segwenti: -

1. Aaron Attard irrikorra fl-għassa tal-Pulizija jiem wara l-akkadut biex jirraporta l-każ. Huwa ġie muri ritratt wieħed mill-Pulizija li eventwalment fornewh ukoll bl-isem tal-persuna murija. Din ma kienetx il-proċedura korretta intiża għall-identifikazzjoni ta' persuna. Dan irrenda l-proċess biex Attard jagħraf lill-appellant aktar faċli.
2. Joseph Falzon ma kienx korrett fid-data li huwa xehed dwarha. Għalkemm huwa jixhed li l-inċident mal-appellant seħħ bejn il-Milied u l-Ewwel tas-sena, l-imputazzjoni tgħid li l-inċident seħħ fit-23 ta' Diċembru 2019. Din kienet inkonsistenza fl-imputazzjoni. Joseph Falzon jgħid ukoll li l-appellant ħataflu l-flus u ħarab. Dan ma kienx jinkwadra ruħu fir-reat ta' frodi iżda semmai kien jikkostitwixxi r-reat ta' serq.
3. Għalkemm Ivika Mandic jixhed li l-inċident seħħ fid-29 ta' Diċembru 2019, l-appellant ġie mixli bir-reat ta' frodi kommess fuq din il-persuna fit-28 ta' Diċembru 2019. Din hija inkonsistenza bejn il-provi u l-imputazzjoni kif formulata.
4. Christopher Dimech irraporta fl-Għassa tal-Pulizija u wkoll ġie muri ritratt wieħed. Il-proċedura relattiva għall-identifikazzjoni ma ġietx korrettement segwita.
5. Dean James Gatt ma kienx kapaċi jixhed dwar id-data ta' meta seħħ l-inċident in kwantu jixhed li l-anqas kien jaf jekk seħħx f'Jannar jew f'Diċembru. Minħabba f'hekk ma setgħax jiġi aċċertata meta seħħ ir-reat.
6. Ix-xiehda ta' Andrea Bonfiglio wkoll hija inkonsistenti in kwantu mill-affidavit tal-Pulizija ġie mniżżel li Bonfiglio talab lill-imputat ħmistax il-euro mentri meta xehed huwa qal li kien talbu għoxrin euro. Din ix-xiehda kellha għalhekk tiġi skartata.
7. Jamal Mansur Mohammed Al Najar jgħid li l-ammont li nsteraqlu kien ta' sebgħin euro mentri fix-xiehda mogħtija minnu rriżulta li kienu naqsulu biss ħmistax il-euro.
8. Il-piena erogata kienet eċċessiva tenut kont tan-natura tar-reati allegatament kommessi.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza

---

[7] ibid.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

1. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

23. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat : -***

24. Dwar l-aggravji relattivi għall-problematika tal-identifikazzjoni ta' persuna minn xhud okulari, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark Pace*** deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2002 fejn intqal is-segwenti :

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant, u forsi dak principali, huwa bazat fuq il-kwistjoni delikata ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant b'dan li dak li l-appellant qieghed jattakka hija l- procedura adottata mill-pulizija biex issir identification parade.
>
> Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil- kawza Il-Pulizija vs Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:
>
> "Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il- persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".
>
> Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:
>
> "Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil- gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l- identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il- Police and Criminal Evidence Act, 1984.

S'intendi dawn ir- regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l- identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir- regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l- identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:

'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an

early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?

Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

25.Mistqarr dan kollu din il-Qorti rat li għalkemm verament jirriżultaw episodji fejn fl-Għassa tal-Pulizija diversi mix-xiehda

ġew murija ritratt waħdieni, dawn ix-xiehda rnexxielhom jidentifikaw lill-appellant bħala l-persuna li ddefrawdathom indipendentement minn dak li kien seħħ fl-Għassa tal-Pulizija in kwantu rnexxielhom jidentifikawh fl-Awla.

26. L-identifikazzjoni hija kwistjoni ta' fatt li l-attendibbilita tagħha trid tiġi wkoll mistħarġa minn min irid jiġġudika l-fatti, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati.[11] Jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati, dik li rat u semgħet lix-xiehda jixhdu, nonche jidentifikaw pożittivament lill-appellant bħala l-frodist quddiemha fl-Awla, emnet ix-xiehda tagħhom. Del resto minbarra din l-identifikazzjoni pożittiva hemm ukoll evidenza ċirkostanzjali li l-Qorti tal-Maġistrati qieset li tinkjoda lill-appellant – u dan huwa l-*modus operandi* partikolari tiegħu.

27. F'dan il-każ ma jirriżulta xejn *unsafe* jew *unsatisfactory* fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-appellant mix-xiehda rispettivi. Dan l-aggravju, kull fejn jirrikorri huwa għalhekk miċħud.

***Ikkunsidrat : -***

28. Dwar l-aggravji relattivi għall-indikazzjoni żbaljata tad-data meta seħħ l-inċident u l-allegata inkonsistenza bejn dak li jkun xehed ix-xhud u l-imputazzjonijiet kif formulati nonche l-ammonti ta' flus li

[11] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, kolleġjalment komposta fl-appell kriminali ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Zerafa***, deċiż nhar il-15 ta' Settembru 2016.

kienu involuti f'dan il-każ minn kull parte civile rispettiv, jingħad is-segwenti.

29. Jirriżulta li fix-*chapeau* tal-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni bdiet biex imputat is-sensiela ta' reati kommessi mill-appellant bħala li huma kwalifikati bir-reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u dan għamlitu, *inter alia*, billi għamlet riferenza għall-partikolaritajiet taż-żmien (*bejn Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u April tas-sena elfejn u għoxrin (2020)*) u l-post (*f'dawn il-Gżejjer*) ħin.

30. Din il-Qorti kellha opportunita tistqarr, fis-sentenza tagħha ***Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi*** tal-15 t'Ottubru 2019, illi hija taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu, hemmhekk imsemmija, fejn għallem kif il-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni li *ius receptum* tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli.

31. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[12] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata

---

[12] skont l-artikolu 374(*i*)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti *ex officio* bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

32.Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar. Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed minn dawn il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, dan ma jġibx in-nullita tal-avviż. Ikun ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu jrid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi.

33.U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi *deceived* jew *misled*. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

34.Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss *variance*, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-

partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. *Variance* tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat.

35. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,[13] allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum.

36. F'dan il-każ pero il-varjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile. Apparti minn hekk ix-*Chapeau* stess jagħti l-parametri ta' żmien sufficjenti b'mod li l-inċidenti li kkostitwew ir-reat jirriżulta li seħħew fl-ispazju ta' żmien imsemmi fl-istess *Chapeau*.

37. Irid jingħad ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati riedet tqis l**-assjem tal-provi prodotti** fil-konfront tal-imputat appellant. Dawn il-Qrati

---

[13] Ara ***Il-Pulizija vs Joseph Calleja et,*** Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

jippermettu ċerta flessibilita′ anke fir-rigward ta′ ċerti varjanzi li joħorġu mix-xiehda tax-xhieda. Huwa fattur psikoloġiku uman komunement magħruf li mhux kulħadd jiftakar l-eventi li jkunu seħħew bl-istess mod, bl-istess intensita, luċidita u dettall. Huwa komuni wkoll li persuni li jvarjaw ftit mill-verżjoni tagħhom dwar dak li jkunu esperjenzaw oriġinarjament. Naturalment, aktar ma verżjoni ta′ xhud tkun taqbel mal-verita storika, u aktar ma tkun konsistenti fuq medda ta′ żmien, aktar din tkun ta′ serħan ir-ras għall-ġudikant tal-fatt meta jiġi biex jevalwa dik ix-xiehda u jiddiċiedi każ in bażi tagħha.

38.Ġudikant tal-fatt bilfors irid jagħti ftit latitudni għal xi differenzi żgħar jew varjazzjonijiet minimi fil-verżjoni mogħtija minn xhud u li jistgħu jirriżultaw li jkunu ġenwinament u unikament il-frott tat-trapass taż-żmien fuq il-memorja umana, jew ta′ żbalji ġenwini. Biss dik ix-xiehda tkun tista′ ssir hi stess inċerta fil-każ fejn dawn il-varjanzi ma jibqgħux żgħar iżda jekk jittrasformaw ruħhom f′ diskrepanzi jekk mhux ukoll f′kontradizzjonijiet.

39.F′din l-eventwalita tali bidliet fil-verżjonijiet iridu jkunu jiġu mistħarġa bir-reqqa mill-Ġudikant tal-fatt sabiex dan ikun jista′ jasal għall-ġudizzju tiegħu fuqhom. Fejn id-diskrepanzi jkunu kbar, allura l-Ġudikant ikun jista serenament iqis tali xiehda bħala li ma tkunx tista′ torbot fuqha. Altrimenti, varjanzi żgħar ma għandhomx ixeklu lil Ġudikant tal-fatt milli jqis tali xiehda bħala attendibbli u trankwillament jiddeċiedi in bażi tagħha.

40. Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju relattiv għad-dati jew ammonti ta' flus mhux preċiżi qiegħed ukoll jiġi miċħud, kull fejn jirrikorri.

***Ikkunsidrat : -***

41. Illi hemm aspetti relatati mal-każijiet li jinvolvu lil Joseph Falzon u lil Dean James Gatt li jimmeritaw attenzjoni partikolari ta' din il-Qorti.

42. Fil-każ ta' Dean James Gatt jirriżulta li l-*modus operandi* tal-appellant kien għall-bidu simili għal dak adoperat mal-maġġor parti tax-xufiera tat-taxi – il-priża favorita tiegħu – u li xehdu f'dan il-każ. Iżda f'punt partikolari l-każ ta' Dean James Gatt jieħu żvolta li rriżultat differenti minn dawk il-każijiet l-oħra. Dean James Gatt kien ġie indott li joħroġ il-*pouch* bil-flus tiegħu wara li l-appellant reġa għal darb'oħra ħaddem in-nassa tal-kliem konvinċenti tiegħu u li bis-saħħa tagħhom beda jidħollu ħelu ħelu. Silta importanti mix-xiehda ta' Dean James Gatt hija dik a fol 75 et seq jiġifieri s-segwenti : -

> U kif wasalna biex jigu lura l-Gzira qalli : Tista twaqqafli minflok fejn . . . twaqqafli fejn Savoy Gardens? Ghitlu : Mela le u qalli : Itfa hemmhekk. Ghidtlu : All right. U qalli : Mija (100) ghandi ssarrafieli? Ghidtlu : Mela ma nsarrafielekx, ghidtlu : dawk tajjeb jiena ghax ingemmaghhom. Qalli : Ghandi mija (100) ohra mela ssarrafieli? Ghidtlu : Bomba, ghidtlu : imma ha nara ghandix bizzejjed. Ftaht il-pouch biex nara x'ghandi, ghidtlu : mija u hamsin (150) ghandi m'ghandix biex insarraflek il-mija l-ohra, ghidtlu : ha naghtik il-bqija tal-dak u zomm il-mija (100) l-ohra. Qabad u hatafli kollox, jhien kont marbut bis-seatbelt u msakkar mill- bieba ghal hajt ma stajtx niftah halli mmur nigri warajh, hu kien bla seatbelt u nofsu barra mill-

karozza miftuha u telaqli jigri u dan gara fejn il-bieb tal-garaxx tas-Savoy Gardens hemm camera ezatt....

Bil-mija u hamsin (150) nieqsa jien, ghax jien kont ser insarraflu u ghidtlu jien mija u hamsin (150) ghandi biex insarraf mhux mitejn (200) u kif qieghed hekk infittex fil-pocket fi split of a second hatafli kollox u telaq u hemm il-camera ezatt, jekk tahdem ezatt fuq il-karozza fejn kont Savoy Gardens.

43. Jiġifieri għall-bidu jirriżulta li l-intenzjoni tal-appellant kienet, għal darb'oħra li jonsob lill-vitma tiegħu bl-iskuża, f'dan il-każ, tat-tisrif tal-mitt euro u mitt euro oħra magħha. Dan il-pjan truffaldin ma laħaqx wasal sal-punt fejn il-vitma, għalkemm abbokka għas-sunnara waħda w tajba, kien għadu ma kkonsenjalux volontarjament il-flus. Kien kważi wasal li jagħmel dan iżda f'daqqa waħda, fi kliem dan il-vitma stess, l-appellant *qabad u ħatafli kollox... u telaqli jiġri.*

44. Din l-iżvolta fl-egħmil tal-appellant tbiddel ix-xenarju tar-reat kommess.

45. Kif ġie deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul*** deċiża nhar l-20 ta' Ġunju 1997 : -

Pero', kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-ritultat ta' Xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena ċitat:

"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita.

Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante aritfizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se' : consegni una cosa, assuma un [l]obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" (OP, cit., p. 293);

46. F'dan il-każ il-konsenja volontarja tal-flus minn Dean James Gatt lill-appellant kienet għadha ma seħħitx; b'hekk ma jistax jingħad li ġie perfezjonat ir-reat tat-truffa jew frode innominata bil-konsenja volontarja tal-oġġett lill-malvivent. Anzi f'dan il-każ, qabel ma Dean James Gatt laħaq għaddielu il-flus minn jeddu, kien l-appellant li qabad u ħataf il-flus minn idejn il-vitma tiegħu - mingħajr il-kunsens ta' Dean James Gatt - u mingħajr ma dan laħaq ikkonsenjalu l-flus. Din il-bidla fl-aġir tal-appellant twassal biex tibdel in-natura tar-reat kommess minnu minn dik ta' truffa jew frodi innominata, għal dik ta' serq.

47. Huwa minnu li dawn ir-reati kontra l-patrimonju jimpurtaw leżjoni tad-dritt patrimonjali; u huwa minnu wkoll li r-reat ta' truffa jew frode innominata huma wkoll kunsidrati bħala "*furto improprio*".[14] Iżda l-Kodiċi Kriminali ma jqisx li r-reat ta' truffa jew frode innominata u dak ta' serq bħala li jistgħu jitqiesu involuti f'xulxin.

[14] Ara ***Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis*** deċiża mill-Imħallef Ġuże Flores nhar it-12 ta' Diċembru 1959.

Fil-fatt fl-artikolu 476(2) tal-Kodiċi Kriminali, huwa preskritt li huwa possibbli li :-

> jekk persuna, fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan; u, reċiprokament, persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tigi ddikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, tal-oġġett involut jekk ikun hemm provi ta' dan: Iżda l-piena ma għandha f'ebda każ tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att tal-akkuża.

48. Jiġifieri skont dan l-artikolu persuna tista' tiġi misjuba ħatja tar-reat t'approprijazzjoni indebita, jekk ikun hemm provi ta' dan, minkejja li l-Prosekuzzjoni tkun xliet lill-akkużat bir-reat ta' serq. U vice versa. Iżda l-istess Liġi ma tgħidx l-istess fir-rigward tar-reat ta' frode innominata jew truffa.

49. Fi kwalunkwe każ, dan l-artikolu huwa applikabbli għal każijiet penali prosegwiti quddiem il-Qorti Kriminali matul ġuri u ebda artikolu fil-Kodiċi Kriminali ma jirrendi dan l-artikolu applikabbli wkoll għall-kawżi deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati.

50. Din il-Qorti ma taqbilx għalhekk mal-Qorti tal-Maġistrati li fil-każ ta' Dean James Gatt ir-reat kommess mill-appellant kien dak ta' frode innominata ai termini tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali kif ġie misjub mill-Qorti tal-Maġistrati; iżda tqis li dak integrat mill-appellant kien ir-reat ta' serq.

51. L-aggravju tal-appellant relattivament għal dan il-każ ta' Gatt għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ. Dan il-fatt ser ikollu rikaduta fuq il-piena inflitta.

***Ikkunsidrat : -***

52. Illi l-appellant jilmenta wkoll mill-piena li ġiet inflitta fuqu. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

53. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

54. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża

li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

55. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

56. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u

li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

57. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

58. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tagħti l-piena inflitta minnha ċjoe jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri legali, jew kienetx manifestament eċċessiva.

59. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

60. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti

retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

61. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

62. Issa skont il-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ, l-appellant kien responsabbli fit-termini tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti mhix ser tidħol dwar jekk setgħetx issibu ħati wkoll tar-reat

ta' truffa f'ċerti ċirkostanzi u dan peress li din il-Qorti ma tistax tagħti sentenza *in peius* jekk mhux fuq appell magħmul mill-Avukat Ġenerali, li f'dan il-każ ma sarx. Iżda dil-Qorti taqbel li r-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali jista' jitqies li huwa reat minuri, iżda kompriż u involut f'dak tat-truffa fit-termini tal-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali.

63. Skont l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena applikabbli għar-reat ta' frode innominata huwa ta' priġunerija minn xaharejn sa sentejn jew il-piena tal-multa.

64. Mill-banda l-oħra l-artikolu 310(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li fil-każijiet imsemmija f'dak is-sub-titolu, meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames mitt euro (€500), il-piena tkun ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur. Jiġifieri l-iskajjel tal-piena stabbiliti taħt l-artikolu 310(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali huwa aktar favorevoli għall-appellant minn dak prevedut mill-artikolu li joħloq ir-reat innifsu.

65. Kif intqal aktar il-fuq, f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni addebitat dawn is-sensiela ta' reati bħala li huma marbuta ma xulxin bil-kriterja li jsawru r-reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li għalhekk iwassal għal possibilita ta' żieda fil-piena mill-Qorti tal-Maġistrati bi grad jew tnejn. Din il-formula ġuridika ġiet definita b'dan il-mod minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorenzo Cuschieri*** deċiża nhar it-30 t'Ottubru 2001 :

> Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.

66. Inoltre, kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Salvu Depares***, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954, fil-każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra.

67. Jiġifieri jekk f'dan il-każ il-Qorti kellha tieħu l-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra, jiġi li dan ma jaqbisx il-ħames mitt euro (€500). Skont it-termini tal-piena l-aktar favorevoli għall-appellant stabbiliti bl-artikolu 310(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali miżjuda bi grad jew tnejn iwaslu sabiex il-**piena massima** tkun tista' tiġi miżjuda minn sitt xhur priġunerija għal disa' xhur priġunerija jew sena priġunerija skont jekk il-Qorti żżidhiex bi grad jew tnejn.

68. Jiġi ribadit pero li skont l-iskala tal-pieni l-aktar favorevoli għall-imputat imsemmija aktar il-fuq, is-sitt, disa' jew sena priġunerija huma l-massimu li setgħu jingħataw, in kwantu l-Liġi ma tippreskrivi l-ebda minimum ta' piena erogabbli taħt l-artikolu 310(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

69. Iżda imbagħad hemm fatturi oħra li jridu jittieħdu in konsidrazzjoni f'dan il-każ. Qabel xejn hemm il-fatt li fuq wieħed mir-reati de quo konċernanti lil Dean James Gatt, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati tar-reat ta' frode innominata iżda setgħet ssibu ħati tar-reat ta' serq, li kieku l-Prosekuzzjoni imputatu bih – ħaġa li pero f'dan il-każ ma saretx. Għalhekk il-piena trid tonqos minħabba li wieħed mir-reati li tagħhom kien ġie misjub ħati u kundannat għalih ser jiġi meħlus minnu.

70. Imbagħad hemm fattur ieħor li din il-Qorti qieset ukoll li setgħa kellu effett fuq il-piena inflitta, iżda li ma jirriżultax li l-Qorti tal-Maġistrati qieset fid-dettall huwa l-fatt li fil-każ ta' Joseph Falzon, a fol 66, jirriżulta li dan il-parte civile, għalkemm xehed f'din il-kawża, spiċċa biex għamel dikjarazzjoni, għal darba, darbtejn fis-sens li huwa kien lest li jaħfer lill-appellant tal-azzjoni li huwa għamel lilu. Dan il-fatt ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta kriminali tal-appellant għall-azzjoni kommessa minnu. Biss din il-maħfra setgħet tittieħed in konsiderazzjoni meta l-Qorti ġiet biex teroga l-piena inflitta minnha stante li din ġiet inflitta b'mod globali.

71. Meħuda in konsiderazzjoni dawn il-prinċipji jirriżulta għalhekk li l-piena f'dan il-każ għandha tiġi temperata moderatament biex tirrifletti dawn il-fatturi aktar il-fuq imsemmija.

## *DECIDE*

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' in parti l-appell ta' Thomas CAMILLERI billi tibdel is-sentenza appellata biss :

(a) fejn sabitu ħati tar-reat imputat bin-numru sitta biex b'hekk dil-Qorti qegħda tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tar-reat imputat bin-numru sitta, filwaqt li tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni numru sitta in kwantu l-fatt minnu kommess ma jikkostitwix ir-reat li bih ġie mixli u misjub ħati u konsegwentement teħilsu minn kull piena, ħtija u konsegwenza dwaru;
(b) billi tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu għall-piena komplessiva t'għaxar xhur priġunerija u għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, minflok, tikkundannah għall-piena ta' **<u>tminn xhur priġunerija</u>**.

(c) U safejn mhux mibdul b'din is-sentenza kif imsemmi aktar il-fuq, din il-Qorti tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***